# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum il-Ġimgħa, 13 ta' Ottubru 2017**

**Avviż Numru: 3/2015 PC**

**Anthony u Georgina konjuġi Cauchi**

**vs**

**Emanuel Stellini f'ismu proprju, kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' Amanda miżżewġa Perkovic u Amanda Buhagiar, u b'digriet tat-3 ta' Mejju 2016 ġie nominat Dr. Kevin Mompalao bħala avukat tal-elenku sabiex jirrappreżenta lil Amanda miżżewġa Perkovic u kif ukoll lil Amanda Buhagiar**

Il-Qorti,

Rat l-Avviż tal-atturi li bih, wara li ppremettew:

Illi l-intimati, dakinhar flimkien ma' terzi kienu talbu u ottenew l-ispedizzjoni ta' mandat ta' inibizzjoni kontra r-rikorrenti fl-ismijiet "Emanuel Stellini pro et noe vs Anthony Cauchi et", Mandat Nr. 42/2007 AE, per konsegwenza ta' liema, r-rikorrenti ġew ordnati, bis-saħħa tad-digriet tal-Qorti tal-10 ta' Ottubru 2007, sabiex minnufih u a spejjeż tagħhom, jerġgħu jibnu dik il-parti mill-ħajt diviżorju li tidher fir-ritratti R u R1 formanti parti mill-atti ta' dak il-proċess u b'hekk jirripristinaw il-parti ta' wara tal-ħajt diviżorju għall-istat li kien qabel twaqqa';

Illi l-pretensjonijiet tal-intimati odjerni kienu relatati mal-fond 95/96, Triq Santa Luċija, Kerċem, li minnu l-intimati odjerni, flimkien ma terzi l-oħrajn li ppromovew it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kienu qed jippretendu li għandhom sehem indiviż flimkien mar-rikorrenti;

Illi effettivament din il-pretensjoni tal-intimati odjerni kienet ġiet promossa fil-kawża fl-ismijiet "Joseph Stellini et vs Carmel Stellini et", Ċitazz Nru. 74/1990 AE. Illi dik il-kawża ġiet finalment deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell bis-sentenza tagħha tal-31 ta' Mejju 2013 u b'dik is-sentenza l-pretensjonijiet kollha tal-intimati odjerni dwar dak il-fond ġew respinti u ġie ddikjarat li l-fond 95/96, Triq Santa Luċija, Kerċem kien jappartjeni esklużivament lir-rikorrenti;

Illi konsegwentement, il-pretensjonijiet dedotti mill-intimati odjerni fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fuq riferit kienu assolutament infondati u r-rikorrenti ġew imġegħla jinkorru l-ispejjeż tal-bini tal-ħajt in ottempranza mad-digriet tal-10 ta' Ottubru 2007 inutilment u inġustifikament;

Illi r-rikorrenti inkorrew spiża ta' ħames mija u sebgħa u sebgħin euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€577.22ċ) sabiex inbena l-imsemmi ħajt;

Illi Michael Stellini, George Stellini, u Carmen Bugeja, tlieta mis-seba' rikorrenti oriġinali kienu rrifondew lir-rikorrenti sehem, ossia settima (1/7) parti kull wieħed u waħda minn din l-ispiża u għalhekk ir-rikorrenti fadlilhom jitħallsu mingħand l-intimati odjerni erba' settimi (4/7) minn din l-istess somma liema 4/7 huma dovuti fi kwota ta' settima parti kull wieħed u waħda Emanuel Stellini proprio, Emanuel Stellini nomine, Gregory Stellini u Emily Muscat;

Illi l-intimati qegħdin jirrifjutaw li jħallsu dan l-ammont għaliex isostnu li d-digriet tal-10 ta' Ottubru 2007 huwa wieħed assolut u definittiv u ma kienx adottat fl-ambitu ta' mandat ta' inibizzjoni, li min-natura tiegħu huwa wieħed biss provviżorju sakemm ikun hemm deċiżjoni finali fuq il-mertu;

Illi konsegwentement jeħtieġ li qabel xejn din l-Onorabbli Qorti tiddetermina n-natura u effetti tad-digriet fuq imsemmi u sussegwentement tordna lill-intimati jirrifondu lir-rikorrenti sehemhom kif spjegat hawn fuq.

Talbu għalhekk lill-intimati jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li effettivament, l-effetti tad-digriet tal-10 ta' Ottubru 2007 kienu biss provviżorji fis-sens li la darba l-pretensjonijiet tal-intimati fir-rigward tal-fond 95/96, Triq Sant Luċija, Kerċem kienu finalment miċħuda u riġettai mill-Onorabbli Qorti tal-Appell bis-sentenza tagħha tal-31 ta' Mejju 2013 fil-kawża fl-ismijiet "Joseph Stellini et vs Carmel Stellini et", Ċitazz. Nru 74/1990 Ae, isegwi li r-rikorrenti huwa intitolat li jitlob ir-rimborż mingħandkom ta erba' settimi (4/7) mill-ispiża totali ta' €577.22ċ;

2. Konsegwentement tikkundannakom tirrifondu lill-istess attur is-somma ta' tnejn u tmenin u sitta u erbgħin ċenteżmu (€82.46ċ) kull wieħed u

waħda għal total ta' tliet mija u disgħa u għoxrin euro u tmenin ċenteżmu (€329.64ċ) kif fuq ingħad;

3. Bl-imgħax fuq din is-somma b'effett mid-data tan-notifika lilkom tal-ittra uffiċċjali ta' April 2014 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni, li għaliha minn issa msejjħin.

Bl-ispejjeż inklużi tal-ittra uffiċċjali tal-*(sic)* ta' April 2014, kontra tagħkom.

Rat ir-Risposta tal-konvenuti Emmanuel Stellini proprio, Gregory Stellini u Emily sive Emelia mart John Muscat, li wieġbu:

1. Illi preliminarjament l-ġudizzju mhux integru stante illi sa fejn jafu l-esponenti ma teżisti ebda Amanda Petrovic fost il-familjri li kienu parti fil-kawża 74/1990, u għalhekk din il-kawża ma tista timxi kontra persuna ineżistenti; inoltre l-atturi għandhom jaraw min hum l-leġittimi kuntraditturi għat-talbiet tagħhom;

2. Preliminarjament ukoll illi l-esponent Emanuel Stelli ma għandux rappreżentanza ta' Amanda Petrovic u Adam Buhagiar f'dawn il-proċeduri u mhux awtorizzat jintavola atti ġudizzjarji għan-nom tagħhom, u għalhekk kwantu huwa ġie ċitat bħala mandatarju tal-imsemmija persuni huwa għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

3. Preliminarjament ukoll illi kwantu bl-azzjoni odjerna l-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni dwar l-effetti ta' digriet mogħti minn Qorti ta' ġurisdizzjoni superjuri, din il-Qorti mhix kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża odjerna;

4. Fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, illi l-mandat ta' inibizzjoni numru 42/2007 jikkostitiwixxi proċedura separata u distinta minn dik tal-kawża numru 74/1990, u l-mandat numru 42/2007 lanqas biss kien abbinat mal-kawża numru 74/1990, u għalhekk l-eżitu tal-kawża 74/1990 ma jinċidix fuq il-mandat numru 42/2007;

5. Fil-mertu ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, illi l-ispejjeż tal-mandat ta' inibizzjoni numru 42/2007 ġew determinati permezz ta' digriet tat-28 ta' Ġunju 2007 u 10 ta' Ottubru 2007 u dan kontra l-intimati li ma għandhom ebda jedd jitolbu rifużjoni tagħhom mingħand l-esponenti, u sobordinatament u fi kwalsijasi każ l-atturi mhux qed jitolbu ħlas ta' spejjeż ġudizzjarji;

6. Fil-mertu ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, illi l-atturi f'din il-kawża qiegħdin jitolbu rifużjoni ta' spejjeż inkorsi minnhom biex jergħgħu

jibnu ħajt li huma kienu waqqgħu bi ksur flagranti ta' ordni tal-Qorti u għalhekk b'disprezz lejn l-awtorita' tagħha; billi jirriżulta illi l-ħajt in kwistjoni twaqqa' wara d-digriet tal-Qorti tat-28 ta' Ġunju 2007 fil-mandat numru 42/2007 li inibixxa lill-atturi milli jkomplu bix-xogħol ta' demolizzjoni, u billi kien għalhekk li b'digriet ieħor tal-10 ta' Ottubru 2007 il-Qorti ordnat li l-ħajt jerġa' jinbena a spejjeż tal-atturi stante li minkejja d-digriet preċedenti huma kienu komplew bix-xogħolijiet ta' demolizzjoni kontra l-ordni espressa tal-Qorti, l-atturi huma unikament responsabbli għall-aġir tagħhom u tali spejjeż setgħu faċilment ġew evitati li kieku l-atturi qagħdu għall-ordnijiet tal-Qorti li emanat il-mandat ta' inibizzjoni numru 42/2007; konsegwentement l-atturi ma jistgħux jitolbu ħlas mingħand l-esponenti ta' spejjeż inkorsi minnhom minħabba disprezz lejn ordni ta' Qorti u meta kienu huma stess li ġabu fuqhom din l-ispiża;

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk terzi ħallsu lill-atturi xi sehem mill-ispejjeż tal-kostruzzjoni tal-ħajt in kwisjtoni dan ma jippreġudikax lill-esponenti, ma jikkostitwix ebda ammisjoni da parti tal-esponenti u jekk sar ħlas ta' indebitu minn terz l-esponenti ma jistgħux jiġu ppreġudikati bih;

8. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni odjerna hija preskritta fost l-oħrajn ai termini tal-Artikolu 2153 Kodiċi Ċivili;

9. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti diġa' ħallsu lill-atturi għas-saldu l-ispejjeż kollha li l-atturi kellhom dritt għalihom in konnessjoni mal-kawżi pendenti bejn il-partijiet;

10. Illi, mingħjar preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi;

11. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż.
Rat ir-Risposta tal-avukat dottor Kevin Mompalao nomine li wiegeb:

1. Illii prelimanrjament in-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-onorabbli qorti stante illi t-talba attriċi taqa' fil-komptenza tat-Tribunal għal Talbiet żgħar;

2. Illi l-esponent ma għandu l-ebda kuntatt ma Joseph Attard fl-esteru. Għalhekk ma huwiex edott mill-fatti tal-każ;

3. Illi mil-bqija l-esponenti jirriserva li jirrispondi ulterjorment f'każ li jirnexxilu jistabilixxi kuntatt fl-esteru mal-missier. Mil-bqija joqgħod għal provi miġbura.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Mejju 2017 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fuq l-eċċezzjoni rispettiva tan-nuqqas ta' kompetenza mressqa mill-konvenuti.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet tal-konvenuti Emanuel Stellini proprio, Gregory Stellini u Emily sive Emelia mart John Muscat dwar din l-eċċezzjoni.

Rat in-Nota tal-Osservazzjonijiet responsiva tal-atturi dwar l-istess eċċezzjoni.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitlobu fl-ewwel lok dikjarazzjoni dwar in-natura u effetti ta' digriet mogħti fl-atti ta' mandat ta' inibizzjoni, u konsegwentement il-kundanna tal-konvenuti biex iħallsu s-somma ndikata fl-Avviż.

Preliminarjament il-konvenuti eċċepew in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti, għalkemm għal raġunijiet differenti. Infatti filwaqt li l-konvenuti Emanuel Stellini, Gregory Stellini u Emilia Muscat qed jeċċepixxu l-inkompetenza *ratione materie*, il-konvenut l-ieħor nomine qed jeċepixxi l-inkompetenza *ratione valoris*.

A tenur tal-artikolu 50(2) tal-Kap 12, din il-Qorti għandha:

"**attribuzzjoni inferjuri, illi bis-saħħa tagħha tieħu konjizzjoni tal-kawżi kollha tax-xorta ta' dawk illi, skont l-artikoli 47 u 48, huma ta' kompetenza ta' maġistrat għall-Gżira ta' Malta**."

L-artikolu 47 jistipula illi:

**"(1) Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat wieħed jippresjedi, u dik il-qorti, bħala qorti tal-ewwel grad tisma' u tiddeċidi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' ħmistax-il elf euro (€15,000), kontra persuni li joqogħdu, jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja, f'parti tal-Gżira ta' Malta.**

**(2) Dik il-qorti tiddeċiedi wkoll il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi espressament tħalli għaliha.**

**(3) Iżda l-kawżi li fihom jidħlu kwistjonijiet dwar il-proprjetà ta' beni immobbli, jew li għandhom x'jaqsmu ma' servitujiet, piżijiet jew drittijiet oħra mgħaqqdin mal-beni immobbli, inkluża kull talba għal żgumbrament jew tkeċċija minn beni immobbli kemm urbani kif ukoll rurali, mikrija jew okkupati minn persuni li joqgħodu jew li għandhom l-abitazzjoni ordinarja tagħhom fil-limiti tal-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti, ma jidħlux fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) indipendentement mill-valur tat-talba."**

L-artikolu 48 tal-Kap. 12 huwa mħassar.

Dwar eċċezzjoni simili l-artikolu 741 tal-Kap. 12 jipprovdi li:

**"L-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata –**

*(a)* **meta l-kawża ma tkunx ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta;**

*(b)* **meta, għalkemm ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawża tinġieb quddiem qorti diversa minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha;** ( propru kif qed jallegaw il-konvenuti fil-kawza presenti)**,**

(*ċ*) **meta hu mogħti lill-konvenut il-benefiċċju li jiġi msejjaħ quddiem qorti partikolari."**

Imbagħad l-artikolu 747 tal-istess liġi jfisser illi:

**"(1) Il-valur inċert jew indeterminat, jitqies dejjem li jaqbeż il-kompetenza tal-qorti ta' ġurisdizzjoni limitata.**

**(2) Jitqiesu dejjem bħala li għandhom valur li ma jistax jiġi determinat –**

(*a*) **il-kawżi dwar jeddijiet onorifiċi, prerogativi jew preċedenzi;**

*(b)* **il-kawżi dwar filjazzjoni, adozzjoni, interdizzjoni jew inabilitazzjoni ta' persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom, imġienen jew berbieqa; jew dwar tuteli jew kuraziji, jew, b'mod ġenerali, dwar l-istat tal-persuna;**

(*ċ*) **il-kawżi li fihom il-valur tal-ħaġa ma jirriżultax mit-talba tal-attur, u lanqas ma jista' jiġi determinat bil-mod imsemmi fl-artikoli li ġejjin."**

Il-lista fil-paragrafu (2) ta' dan l-artikolu m'għandhiex titqies bħala waħda esklussiva, imma hija biss indikattiva ta' x'jista' jitqies bħala ta' valur

indeterminat. L-artikolu sussegwenti mbagħad jindika meta l-valur tal-oġġett fil-kawża hu determinat mit-talba.

**"(*a*) meta t-talba hija għall-ħlas ta' somma determinata;**

**(*b*) meta t-talba hija għall-ħaġa li l-valur tagħha hu determinat fit-titolu li jagħti kawża għall-azzjoni, jew f'xi kitba oħra li torbot lill-partijiet, jew bil-fehma ta' kulħadd, jew bil-prezz kurrenti."**

Fir-rigward tal-kompetenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, l-artikolu 3(2) tal-Kap. 380 li jistabilixxi l-kompetenza tal-istess Tribunal jistipula illi:

**"Bla hsara għas-subartiklu (5), it-Tribunal għal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn hamest elef euro (€5000)."**

Issa, fil-każ in eżami l-atturi, kif rajna, mhux qed jitlobu biss il-ħlas ta' somma speċifikata ta' flus. Għalhekk, għalkemm din is-somma hija biss ta' €329.64, ġialadarba m'għandniex hawnhekk sempliċi *money claim*, żgur li l-kawża teżorbita l-kompetenza tat-Tribunal imsemmi.

Niġu issa biex nikkunsidraw l-eċċezzjoni tal-inkompetenza *ratione materie.* Permezz tal-ewwel talba tagħhom l-atturi jitolbu lil din il-Qorti:

*"tiddikjara li effettivament, l-effetti tad-digriet tal-10 ta' Ottubru 2007 kienu biss provizorji fis-sens li la darba l-pretensjonijiet tal-intimati fir-rigward tal-fond 95/96, Triq Santa Lucija, Kercem, kienu finalment michuda u rigettati mill-Onorabbli Qori tal-Appell bis-sentenza tagħha tal-31 ta' Mejju 2013 fil-kawza fl-ismijiet 'Joseph Stellini et vs Carmel Stellini et.' citaz. Nru. 74/1990 AE, isegwi li r-rikorrenti huwa ntitolat li jitlob ir-rimborz minghandkom ta' erba' settimi (4/7) mill-ispiza totali ta' €577.22."*

Dan ifisser illi qabel ma din il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talba għall-ħlas magħmula fit-tieni u tielet talbiet tal-kawża preżenti, tkun trid tiddetermina n-natura u l-effetti ta' digriet mogħti fl-atti ta' mandat ta' inibizzjoni, kwistjoni li fiha nnifisa m'għandhiex valur deteminat jew determinabbli. Bħal fil-każijiet ndikati mil-liġi fl-artikolu hawn fuq ċitat ta' x'jista' jitqies bħala ta' valur indeterminat, hawnhekk ukoll ma jistax jiġi ffissat valur għal talba bħal din. F'ċirkostanzi xi ftit jew wisq simili fejn din il-Qorti kienet ġiet mitluba tannulla skrittura privata għax allegatament wieħed mill-kontraenti ma kienx *compos mentis,* il-Qorti tal-Appell qalet:

*"Fil-kaz in dizamina l-oggett tal-azzjoni tal-attrici nomine fil-kawza ma jiccentrax 'sic et simpliciter' fuq il-kirja tal-fond in kwistjoni, imma kif esplicitament espress, oltre d-dritt li Anthony Coleiro jigi re-integrat fil-lokazzjoni li kellu qabel, tikkomprendi anke r-rexxissjoni tal-ftehim li l-istess Anthony Coleiro, tajjeb jew hazin, kien dahal fih mal-konvenut; kompriz allura l-obbligi assunti minnu f'dak il-*

*ftehim. Ftehim u obbligi li l-valuri taghhom ma humiex determinati u difficilment jistghu jigu determinati bil-kriterji dettati fl-Art. 748(b) tal-Kap. 12."* [1]

Għalhekk jirriżulta li l-ewwel talba tal-atturi teżorbita il-kompetenza ta' din il-Qorti *ratione materie*. It-talbiet l-oħra ma jistgħux jimxu waħedhom, għax jiddependu għal eżitu favorevoli mill-ewwel talba.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti Emanuel Stellini et. dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti *ratione materie,* u tastjeni milli tkompli tieħu konjizzjoni tal-kawza.

Għaldaqstant, a tenur tal-emendi introdotti bl-artikolu 20 tal-Att IV tal-2016, tordna li a kura tar-Reġistratur, din il-kawża tintbagħat sabiex tinstema u tiġi deċiża minn din il-Qorti, fil-Ġurisdizzjoni Superjuri tagħha, Sezzjoni Ġenerali.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

13.10.2017 – Avv3.2015 – Cauchi Anthony et vs Stellini Emanuel pro et noe
2141

[1] Appell Inferjuri (Għawdex) : Vicky Coleiro noe. vs Michael Grech: 10.04.2003